MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 109/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurat taghha Carmel Borg a bazi tal-polza ta` assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Carmel Borg**

**Vs**

**George Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta` Jannar, 2005 fejn qed jintalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta` mija u tnejn u disghin lira, tlieta u tletin centezmu
(Lm 192.33), rapprezentanti valur ta` danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza ta` incident stradali li sehh fil-25 ta` Ottubru, 2003 gewwa Valley Road, Msida bejn il-

vettura ta` l-attur Borg numru IAS 448 u l-vettura misjuqa mill-konvenut Xuereb numru KAE 124, ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 25 ta` Awissu, 2004 u ta` ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma` dan l-avviz lis-socjeta` assikuratrici Rausi Insurance Agency Limited bhala agenti ta` sindakati esteri operanti bl-isem Lloyd’s Underwriters u bl-imghax dekorribbli mid-data tan-notifika ta` l-imsemmija ittra ufficjali tal-25 ta` Awissu, 2004 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 22 ta` Frar, 2006 fejn ikkontesta t-talba attrici in vista tal-fatt li kien l-istess sewwieq tal-vettura ta` l-attur li dahal fuq dik tal-konvenut minn wara.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi f’dan l-incident iz-zewg sewwieqa rispettivi kienu mlew il-bumper to bumper form ezebita a fol. 30 tal-process mnejn hemm indikat li l-attur dahal fuq il-parti ta` wara tal-vettura tal-konvenut hekk kif dan ta` l-ahhar jidher li kien qed jaghmel manuvra biex idur lejn il-lemin minn Triq Principali ghal triq sekondarja. F’din il-formola l-attur jikkummenta li l-vettura tal-konvenut kellha l-brake lights ma jahdmux filwaqt li anqas ma kien ghamel sinjal bl-indicator li kien bihsiebu jdur. Il-konvenut ma jidher li ghamel ebda kummenti. Jidher ukoll li l-impatt ma kienx daqshekk bis-sahha anke kif jirrizulta mill-valur tal-hsarat subiti.

F’dan il-kaz l-unika verzjoni li ghandna dwar kif sehh l-incident apparti l-formola fuq indikata hija dik moghtija mill-attur Carmelo Borg u dana peress illi l-konvenut baqa` qatt ma resaq biex joffri x-xhieda tieghu nonostante li kien inghata diversi opportunitajiet. L-attur ighid li hekk kif beda

jsuq fid-direzzjoni ta` B'Kara huwa lemah il-vettura tal-konvenut quddiemu, liema vettura kienet wieqfa peress li jidher li dan kien sejjer jaghmel manuvra ta` U turn biex idur mac-centre strip u jmur lura fid-direzzjoni opposta cioe` lejn l-Msida. Huwa raha wieqfa ghal kollox u kienet madwar 20 jew 30 metru l-boghod minnu. Huwa jikkonferma l-formola ezebita a fol. 30 tal-process. L-attur jieqaf hawn u ma jkomplix jispjega kif u il-ghala sar l-impatt bejn il-vetturi.

Provi ohra dwar kif effettivament sehh l-impatt ma hemmx. Ghalkemm huwa minnu li l-konvenut ma messux ittenta jaghmel U turn kif allegat mill-attur pero` ma giex soddisfacentement ippruvat li tali manuvra kienet fil-fatt il-kawza prossima ta` l-incident. Difatti l-attur Borg stess jikkonferma li huwa kien ra lill-konvenut wieqaf ghal kollox madwar 20 jew 30 metru l-boghod minnu u in segwitu ma jkomplix jispjega kif huwa wasal biex jidhol go fih minn wara.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq nuqqas ta` provi soddisfacenti dwar ir-responsabbilita` legali ta` l-incident in kwistjoni jirrespingi t-talbiet ta` l-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------